**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 583/2021 NC**

**Dr Patrick Spiteri**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat; u**
**l-Kummissarju tal-Pulizija**

Illum 15 ta' Diċembru 2021

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur Dr Patrick Spiteri (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2021 fejn talab lil din il-Qorti, fost l-oħrajn, is-segwenti:

*"Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i. [...]*

*b) Tagħti b'urġenza miżura ad interim ("interim measure") billi tordna immedjatament is-sospensjoni tal-proċess quddiem il-Qorti*

> *tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar Artikolu 338(z) sakemm tinqata' din il-kawża".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors Ġuramentat.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija (*a fol.* 138 *et seq.*) ippreżentata fit-12 ta' Lulju 2021 fejn oġġezzjonaw għat-talbiet kollha hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur, inkluż dik hawn fuq kwotata.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fit-23 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 204) fejn il-Qorti dehrilha li kellha tagħti provvediment dwar it-talba hawn fuq kwotata (u ċioé talba mmarkata i.(b) fir-Rikors Ġuramentat.

Rat illi l-Qorti tat żmien kemm lill-attur u kif ukoll lill-konvenuti f'liema żmien kellhom jippreżentaw Noti ta' Sottomissjonijiet fir-rigward tat-talba hawn fuq imsemmija.

Rat illi, waqt is-seduti tat-30 ta' Novembru 2021 u tad-9 ta' Diċembru 2021, ġew ippreżentati n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-attur (*a fol.* 206 *et seq.*) u tal-konvenuti (*a fol.* 220 *et seq.*).

Rat illi, fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Qorti ħalliet il-kawża għal-lum sabiex jingħata l-provvediment dwar it-talba hawn fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota illi dan huwa provvediment dwar talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja *ossia interim measure* u, f'dan il-każ, dak li qed jintalab huwa s-sospensjoni tal-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz ta' Ċitazzjoni bin-Numru MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali sakemm tinqata' l-kawża odjerna.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- L-attur Dr. Patrick Spiteri ġie estradit lejn Malta mill-Ingilterra permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-*Westminister Magistrates Court* fit-30 ta' Settembru 2015.

- Wara li nġieb Malta, il-Pulizija Eżekuttiva ressqet akkuża ta' reat kontinwat kontra l-attur Spiteri permezz ta' Ċitazzjoni bin-Numru MAC-00401-2018-6 fejn Spiteri ġie akkużat illi bejn l-1 ta' Marzu 2014 u l-31 ta' Marzu 2018 huwa naqas li jagħti manteniment għal uliedu u/jew martu fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha titħallas (Dok. "B" – *a fol.* 42).

- Da parte tiegħu, l-attur Dr. Patrick Spiteri jilmenta li l-proċeduri msemmija fil-paragrafu preċedenti ma kienux parti mill-proċess milqugħ mill-Qorti Ingliża u talab li l-miżura proviżorja in kwistjoni għandha tintlaqa' minħabba s-segwenti:

  - il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qed isiru bi ksur ta'dak li tipprovdi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Proċeduri ta' Ċediment Bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI). Skont l-attur minħabba dak li jipprovdi Artikolu 27 tal-istess Deċiżjoni Kwadru, b'mod partikolari r-regola ta' l-ispeċjalita', ġialadarba huwa ġie estradit lejn Malta fuq akkużi partikolari huwa ma jistax jgħaddi proċeduri kriminali bbażati fuq kawżali differenti b'dan illi jekk jitħallew miexja l-proċeduri in kwistjoni jkun qed jinkiser il-prinċipju tas-supremazija tal-liġi Ewropea kif ukoll l-liberta' personali tiegħu;

  - jekk il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jitkomplew mingħajr ma tingħata l-miżura proviżorja mitluba, ikun hemm ir-riskju li l-attur isofri ħsara irreparabbli minħabba li jista' jitlef il-liberta' tiegħu kif ukoll jista' jkun hemm impatt fuq kundizzjoni ta' *bail* f'każijiet oħra.

- Da parte tagħhom, il-konvenuti l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija oġġezzjonaw għat-talba in eżami mressqa mill-attur minħabba s-segwenti:

  - din il-Qorti mhix il-Qorti appożita li tista' toħroġ l-miżura proviżorja mitluba u dana *stante* li l-attur kellu jippreżenta dawn il-proċeduri quddiem il-Prim'Awla fil-vesti Kostituzzjonali tagħha;

  - dak li l-attur Dr. Spiteri ma rnexxilux jagħmel quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Ċitazzjoni bin-Numru MAC-00401-2018-6), qed jittanta jagħmlu quddiem din l-Qorti jew għallinqas biex jipprova jirbaħ iktar ħin;

  - il-funzjoni ta' din il-Qorti mhix li ssir Qorti tat-Tielet Istanza jew Qorti ta' Reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn Qrati jew Tribunali ordinarji b'tali mod u manjiera li tippromwovi *forum shopping*;

  - id-dettami tad-Deċiżjoni Kwadru in kwistjoni ġew segwiti;

  - miżura proviżorja tingħata biss f'każijiet eċċezzjonali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, qabel tagħmel il-konsiderazzjonijiet *per se* fir-rigward tat-talba tal-attur in eżami, ikun opportun li tagħmel konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dak sollevat mill-konvenuti fir-rigward tal-istess talba.

Illi l-konvenuti jisħqu li:

- t-talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja m'għandhiex tintalab quddiem din il-Qorti pero' kellha tiġi preżentata u kellha tintalab quddiem il-Prim'Awla fil-vesti kostituzzjonali tagħha;

- mhux funzjoni ta' din il-Qorti li sservi bħala Qorti tat-Tielet Istanza jew Qorti ta' Reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn Qrati jew Tribunali ordinarji.

<u>It-Talba Għall-Ħruġ Ta' Miżura Proviżorja M'Għandhiex Tintalab Quddiem Din Il-Qorti</u>:
Illi Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna."

Illi ġialadarba t-talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja saret quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u ladarba l-ġurisdizzjoni hija vestita fil-Prim'Awla, il-Qorti tqis li m'hemm xejn x'iżommha milli tieħu konjizzjoni tat-talba in eżami kif dedotta.

<u>Mhux Funzjoni Ta' Din Il-Qorti Li Sservi Bħala Qorti Tat-Tielet Istanza Jew Qorti Ta' Reviżjoni Għal Deċiżjonijiet Meħuda Minn Qrati Jew Tribunali Ordinarji</u>:
Illi fl-għoti ta' miżura proviżorja l-Qrati jgawdu minn liberta' kbira u hekk għandu jkun ġialadarba din il-miżura hija ntiża sabiex tkun tista' twaqqaf f'ċerti ċirkostanzi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dan huwa rifless anke fi provvediment mogħti fis-16 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et** (Rikors Numru 227/2019) fejn il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali – li kif ġja' ngħad jingħataw b'mod impliċitu biss - mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti **huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha** fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ. Hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li

> tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[1]. Din id-diskrezzjoni wiesa fil-qasam "kostituzzjonali" – u vaga għall-aħħar – tikkuntrasta ferm mal-provvedimenti minuzzjużi li permezz tagħhom il-leġislatur jirregola, fil-liġi ordinarja, l-ħruġ ta' atti kawtelatorji in ġenerali u l-mandat t'inibizzjoni b'mod partikolari, imfassla biex joħloq kemm jista' jkun bilanċ bejn l-interessi tal-partijiet rispettivi".

Illi, tenut kont ta' dan l-insenjament li l-Qorti taqbel miegħu, il-Qorti ma tarax li qiegħda b'xi mod issir Qorti tat-Tielet Istanza jew Qorti ta' Reviżjoni kif imsemmi mill-konvenuti u b'hekk, anke f'dan il-każ, tqis li m'hemm xejn x'iżommha milli tieħu konjizzjoni tat-talba in eżami.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talba għal miżura proviżorja.

Illi l-għan ta' miżura proviżorja, hekk kif maħsuba f'Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u f'Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija intiża sabiex tagħti s-setgħa lill-Qorti twaqqaf milli ssir ħsara li ma tkunx tista' tissewwa fejn hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu. Fil-każ odjern, il-jedd li l-attur qed jilmenta li jista' jinkiser huwa l-jedd tal-liberta' personali u għalhekk qed jitlob is-sospensjoni tal-proċeduri kriminali bin-Numru MAC-00401-2018-6 sakemm il-kawża odjerna tiġi deċiża.

---

[1] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Gauċi et vs. Avukat Ġenerali; Emmanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja** 02.06.2014 Prim'Awla (Kost.) *coram* J.R. Micallef; **Andrew Ellul Sullivan vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija** 25.04.2003 Prim'Awla (Kost.); **Pirotta vs. Avukat Ġenerali** J.R. Micallef; **Joseph Gauci vs. Avukat Generali** 05.10.1999 Prim'Awla Sede Kostituzzjonali; **Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali** 16.04.2014 Prim'Awla Sede Kost.

Illi l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti fil-kuntest ta' miżura proviżorja hija analiżi *prima facie* fejn l-attur ikun jrid jipprova li għandu każ fejn, mad-daqqa t'għajn, sejrin jinkisru d-drittijiet fundamentali tiegħu. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-provvediment mogħti fid-9 ta' Ġunju 2016 fil-kawża fl-ismijiet **Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech pro et noe et vs L-Onor. Prim Ministru et** (Rikors Numru 50/2016/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qalet is-segwenti:

> "biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu.[2]"

Illi dan ir-raġunament ġie rifless f'provvedimenti oħra bħal provvediment mogħti fit-2 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et** (Rikors Numru 50/2013) fejn ġie spjegat is-segwenti:

> "Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[3]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[4]. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ.[5]" [emfażi miżjuda]

[2] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.

[3] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Mamatkulov et vs. Turkija** (Applik. Numru. 46837/99) § 110.

[4] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.

[5] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et**.

Illi l-Qorti tagħmilha ċara illi l-eżami illi sejra tagħmel rigward it-talba għal miżura proviżorja in eżami, kemm jekk tintlaqa' t-talba u kemm jekk tiġi miċħuda, bl-ebda mod mhu ser jinċidi fuq l-eżitu tat-talbiet l-oħra hekk kif kontenuti fir-Rikors Ġuramentat tal-attur. F'każ illi t-talba tiġi miċħuda, xorta waħda t-talbiet l-oħra jistgħu jirnexxu wara li jinstemgħu l-provi u l-argumenti kollha fir-rigward tat-talbiet l-oħra u, bl-istess mod, f'każ li t-talba tiġi milqugħa ma jfissirx illi t-talbiet l-oħra sejrin awtomatikament bilfors jirnexxu.

Illi huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza kemm tal-Qrati nostrana u kif ukoll anke tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali miżuri ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali tal-proċeduri, ser ikomplu jiġu ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess. Ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Mamatkulov and Askarov v. Turkey**[6] illi:

> *"104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if* ***there is an imminent risk of irreparable damage.*** *While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*
>
> *[...]*
>
> *108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the*

[6] Appl Nr 46827/99 and 46951/99, European Court of Human Rights (Grand Chamber), Reports of Judgements and Decisions 2005-I, 4 February 2005. Ara wkoll **Shamayev and Others v. Georgia and Russia**, Appl Nr 36378/02, European Court of Human Rights (Second Section), Reports of Judgements and Decisions 2005-III, 12 April 2005, § 473.

> *applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is* ***the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it****. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State"*. [emfażi miżjuda]

**Ikkunsidrat**

Illi minn qari tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Proċeduri ta' Ċediment bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari Artikolu 27(2) tal-istess Deċiżjoni Kwadru jirriżulta s-segwenti:

> "Ħlief fil-każijiet imsejħin fil-paragrafi 1 u 3, persuna ċeduta ma tistax tiġi pproċessata, mogħtija sentenza jew f'xi mod ieħor miċħuda mil-liberta' tiegħu jew tagħha għal offiża mwettqa qabel iċ-ċediment tiegħu jew tagħha barra dik għal liema l-persuna kienet ġiet ċeduta."

Illi minn qari ta' dan is-sub-Artikolu jirriżulta li d-dritt allegat mill-attur mhuwiex dritt assolut u dana *stante* minn sub-Artikoli (1) u (3) ta' Artikolu 27 jirriżulta li hemm il-possibbilta' li d-dritt in kwistjoni jiġi imwarrab. Il-Qorti ser tieqaf hawn dwar dan il-punt biex tevita li, b'xi mod jew ieħor, tidħol fil-mertu tat-talbiet l-oħra mitluba fir-Rikors Ġuramentat tal-attur u biex tevita li tmur lil hinn mill-analiżi *prima facie* li hija obbligata li tagħmel f'dan l-istadju fir-rigward tat-talba in eżami.

Illi l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk l-għoti ta' miżura *interim* hijiex mistħoqqa ġie spjegat b'mod ċar fil-provvediment li sar riferenza għalih aktar il-fuq fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et** (Rikors Numru 227/2019) fejn il-Qorti għamlet lista ta' l-elementi u tat spjegazzjoni ta' meta l-Qorti tista' takkorda miżura proviżorja. F'dan il-provvediment ingħad hekk:

> "Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti *o meno* ta' *interim measures.* B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax *interim measures*:
>
> 1. Ir-rimedju jingħata biss meta **ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent**.[7] [...]
>
> 2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ ***prima facie* ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhux ċerta li sseħħ**[8];
>
> 3. Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel.[9] Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-*interim order* jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' **"urġenza estrema"**.[10] [...]
>
> 4. L-eżistenza ta' **riskju imminenti**, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. [...]
>
> 5. **Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali."**

---

[7] **Mark Formosa vs. L-Avukat Generali** 14.12.2017 Prim'Awla (Kost.) *coram* Onor. Imħ. Jacqueline Padovani Grima.
[8] **Emanuel Camilleri vs. Spett. Louise Calleja** 02.06.2014 Prim'Awla (Kost.).
[9] **Rosette Thake vs. Prim Ministru** 09.06.2016 Prim'Awla (Kost) JRM.
[10] **Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali** (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali.

Illi l-miżura proviżorja li qed tintalab fil-każ odjern tikkonsisti fis-sospensjoni tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz ta' Ċitazzjoni bin-MAC-00401-2018-6.

Illi stabbiliti l-prinċipji legali hawn fuq imsemmija, il-Qorti sejra tistħarriġhom wieħed wieħed ħalli tanalizza jekk japplikawx għat-talba in eżami.

Ir-Rimedju Jingħata Biss Meta Ma Jkun Hemm L-Ebda Rimedju Ordinarju A Dispożizzjoni Tar-Rikorrent:

Illi l-proċeduri kriminali li qed jintalab li jiġu sospiżi għadhom mexjin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. F'każ illi l-imsemmija proċeduri kriminali kontra l-attur permezz ta' Ċitazzjoni bin-Numru MAC-00401-2018-6 ser jitkomplew u f'każ illi f'dawn il-proċeduri msemmija ser tinstab ħtija fl-attur u l-attur, per eżempju, ser jiġi kkundannat għal piena ta' ħabs, l-attur ser ikollu d-dritt sabiex jappella minn tali deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Biex Ikun Jista' Jingħata Rimedju Proviżorju, Jeħtieġ Li Min Jitolbu Juri Li Hemm Każ *Prima Facie* Ta' Ksur Ta' Jedd Fundamentali:

Illi sabiex tingħata miżura proviżorja wieħed ma jistax jibbaża t-talba tiegħu fuq ċirkostanzi li huma ipotetici. Il-Qorti tinnota li, anke minn paragrafu bin-Numru 22 fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur, jirriżulta li fil-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għad hemm żewġ riżultati li huma possibbli. Għalhekk il-Qorti tqis li r-riskju spjegat huwa ipotetiku u għadu mhux reali.

Illi dak li qed jingħad mill-attur fir-rigward tal-proċeduri kriminali in kwistjoni mhux wieħed ċert u huwa sempliċiment ipotesi, stante illi, effettivament, is-sentenza għadha ma ngħatatx u għad hemm għalhekk possibilta' ta' sentenza b'eżitu favorevoli għalih. F'każ illi din il-Qorti tilqa' t-talba għal ħruġ ta' miżura proviżorja u l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jkunu favorevoli għall-attur, ikunu ġew imtawla l-proċeduri għalxejn, bi preġudizzju mbagħad għad-dritt tal-attur għal ġustizzja effettiva. Għaldaqstant, anke a bażi ta' dan il-fattur biss, il-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija tgħallem illi ma

jissussistix l-element tal-*prima facie* sabiex tiġi milqugħa talba bħal dik odjerna.

Tkun Sejra Sseħħ Ħsara Li Ma Tkunx Tista' Titreġġa' Lura Għall-Interessi Vitali Tal-Parti Kkonċernata Jew Għall-Perkors Tal-Eżami Li L-Qorti Jkun Jinħtiġilha Tagħmel:

Illi l-ilment imressaq mill-attur, kif diġa' ġie spjegat, huwa li għaddej minn proċeduri kriminali kontra d-drittijiet mogħtija lilu taħt id-Deċiżjoni Kwadru in kwistjoni u li jekk jinstab ħati fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jista' jkun li jkollu jqatta' żmien il-ħabs sakemm jinqatgħu b'mod finali t-talbiet kollha hekk kif kontenuti fil-proċeduri odjerni permezz ta' Rikors Ġuramentat bin-Numru 583/2021.

Illi l-Qorti tinnota li fuq il-miżien ma jeżistux biss id-drittijiet tal-attur pero' hemm ukoll l-obbligu li l-ġustizzja trid titwettaq ma kulħadd u li proċeduri ġudizzjarji oħra quddiem Qrati oħra m'għandhomx jiġu mwaqqfa bla ebda raġuni valida.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi, fin-nuqqas tagħha illi tilqa' t-talba tal-attur in eżami, mhux ser tiġi kkawżata lill-attur xi ħsara irrimedjabbli. Dan stante illi, f'każ ta' sejbien ta' ħtija tal-attur mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa jibqagħlu l-possibilta' illi jitlob s-sospensjoni tal-effetti ta' tali sentenza dwar sejbien ta' ħtija u dan sakemm tingħata d-deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Jirriżulta għalhekk illi l-attur għandu rimedju illi jista' jirrikorri għalih fl-agħar ipotesi.

L-Eżistenza Ta' Riskju Imminenti, Li Għalhekk Jimmerita T-Teħid Ta' Miżuri Urġenti:

Illi l-Qorti tinnota li l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għad iridu jispiċċaw u minnhom hemm wkoll d-dritt ta' appell hawn fuq imsemmi. Għaldaqstant ma jirriżultax li hemm r-riskju imminenti neċessarju għat-teħid ta' miżuri urġenti.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fl-24 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Anna Vassallo gja Spiteri**

**vs. Avukat tal-Istat** (Rikors Numru 454/2021) fejn il-Qorti kkwotat is-segwenti:

> "Fil-ktieb ***"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"*** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi:
>
> *"As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures" (sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!"."*[11]

Illi, minn analiżi tal-fatti rigwardanti t-talba odjern in eżami, ma jirriżultax li hemm "*an imminent risk of irreparable harm to life and limb*".

Fil-Każ Li Jkun Hemm Ġudikat, Xorta Jista' Jingħata R-Rimedju Proviżorju, Iżda Biss F'Każijiet Verament Eċċezzjonali:
Illi dan l-element ma japplikax għal każ odjern għax għad ma hemmx deċiżjoni li saret *res judicata* u b'hekk il-Qorti ser tastjeni milli tikkumenta dwaru fl-ambitu tat-talba in eżami.

Illi b'hekk isegwi li l-ebda wieħed mill-elementi msemmija fil-provvediment fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-**

[11] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4 th edition – 2006) by van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak.

**Istat et** (Rikors Numru 227/2019) hawn fuq kwotat ma ġie sodisfatt. Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja hekk kif mitluba f'talba mmarkata "i(b)" fir-Rikors Ġuramentat.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur għall-ħruġ ta' miżura proviżorja *ossia interim measure* hekk kif mitluba f'talba mmarkata "i(b)" fir-Rikors Ġuramentat u ċioé sabiex tiġi ordnata immedjatament is-sospensjoni tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz ta' Ċitazzjoni bin-Numru MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar Artikolu 338(z) sakemm tinqata' il-kawża odjerna (*ossia* Rikors Ġuramentat bin-Numru 583/2021).

Bl-ispejjeż tal-proċedura odjerna qed jiġu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**